MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 920/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Joe Camenzuli & Sons Limited skond il-ligi u l-polza (Claim C045566)**
**vs**
**Avv Dr Tonio Azzopardi LL.D. b'digriet tat-30 ta' Mejju, 2005 kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta` estera DHL Eindhoven**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 t'April, 2005 fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u wiehed liri Maltin u sitt centezmi (Lm1201.06,0) rapprezentanti nuqqasijiet tal-konsenja ta' merkanzija li kellha tasal f'Malta fit-13 ta' Mejju, 2004 izda ma waslitx stante illi l-merkanzija ntilfet waqt li kienet taht il-kustodja tas-socjeta` estera DHL Eindhoven.**

**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-4 ta' Lulju, 2005, prezentata mid-deputat kuratur nominat fejn intqal illi bhala kuraturi mhux edott mill-fatti tal-kawza. Ghalhekk it-talba attrici hija kontestata.**

**Semgha x-xhieda ta' Michael Camenzuli, Johann Vella u Kurt Caruana. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. It-talba attrici tirrigwarda prezz ta' merci li allegatament intilfet waqt li kienet fil-kustodja tas-socjeta` konvenuta.**
**2. Is-socjeta` attrici Joe Camenzuli & Sons kienet inkarigat lil Express Trailers sabiex iwasslu din il-merkanzija Malta, u din kellha tasal fit-13 ta' Mejju, 2004. Skond fax, Dok MC1, mibghut minn D5 Fashions fid-19 ta' Mejju, 2004, l-istess socjeta` attrici giet infurmata li l-merkanzija ma nstabitx. L-affarijiet indikati fid-Dok GM4, fol 24 sa 26 tal-process, huma l-affarijiet li ma waslux Malta.**
**3. Skond e-mail Dok GM3 mibghut mis-socjeta` estera lis-socjeta` Express Trailers jinghad hekk : 'We did receive the goods in our warehouse, but from that moment we can't find them anymore........ the good went lost in our custody'. Dana jinsab konfermat minn Johann Vella, Operations Manager ma' Express Trailers.**
**4. Jirrizulta li r-responsabbilta` kienet tas-socjeta` konvenuta ghan-nuqqas li sar, li konsegwentament ghandha tirrizarcixxi d-danni subiti mis-socjeta` attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghan-nuqqas li sar, u konsegwentament jikkundannha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn u wiehed liri Maltin u sitt centezmi (Lm1201.06,0) bl-imghaxijiet legali mis-27**

**t'April, 2005, u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------